MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 128/1997/2

Anthony Critien ghan-nom ta’ Sigma Coating (Malta) Ltd.
vs
John Pulis

Illum, 11 ta’ Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta’ Jannar 1997 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi fil-5 ta’ Jannar 1994, filwaqt illi Raymond Avallone kien qed isuq il-vettura Lancia Thema numru C-2703, din il-vettura kienet involuta f’kollizjoni mal-karrozza Skoda numru J-8424 misjuqa mill-konvenut John Pulis, gewwa San Gwann.

Illi ghal din il-kollizjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur huwa responsabbli l-istess konvenut.

Illi interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkawzati, l-konvenut baqa' inadempjenti.

talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-5 ta' Jannar 1994, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

2. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elf disa' mija tmienja u disghin Lira Maltin (Lm1,998.00) jew somma verjuri illi tigi likwidata, previa okkorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvut sabiex ihallas lill-attur, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' elf disa' mija tmienja u disghin Lira Maltin (Lm1,998.00) jew somma verjuri illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 1996, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku li sehh fil-5 ta' Jannar 1994 gewwa San Gwann peress illi Ray Avallone, is-sewwieq tal-vettura Lancia Thema bin-numru ta' registrazzjoni C-2703 kien ghaddej b'velocita' kbira, kif jidher ukoll mill-*brake marks* indikati fir-*road accident report.*

2. Illi l-konvenut qieghed jikkontesta ukoll l-ammont indikat mill-attur nomine bhala danni li sofra rizultat tal-imsemmija kollizjoni;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tad-29 ta' Marzu 2001 fejn gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Paul Farrugia biex jisma' l-provi kollha tal-konvenut;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fi Vjal ir-Riham, San Gwann, fil-5 ta' Jannar 1994 ghall-habta tad-9.15 p.m. Raymond Avallone kien qieghed isuq il-karrozza ta' l-attur nomine, Lancia Thema numru C-2703, fid-direzzjoni ta' San Gwann, filwaqt li l-konvenut hareg minn Triq R. Caruana Dingli biex jidhol fi Vjal ir-Rihan fid-direzzjoni tan-Naxxar. Ma hemm l-ebda dubju li Avallone kien *main road user* filwaqt li l-konvenut hareg minn *side road*.

Fl-affidavit tieghu Raymond Avallone qal li waqt li kien ghaddej minn Vjal ir-Rihan, f'daqqa wahda hareg il-konvenut minn Triq Caruana Dingli b'velocita` moderata li jikkalkola bejun 35 u 40 m.f.s. b'mod li ghalaqlu l-karreggata. Huwa eskluda li l-konvenut waqqaf il-karrozza tieghu qabel ma hareg fit-triq principali u baqa' gej isuq fuqu *head on*. Meta rah hiereg, huwa bbrejkja bis-sahha biex jipprova jieqaf izda billi kienet bdiet niezla x-xita huwa skiddja. In kontroezami spjega li kif ibbrejkja, il-*brakes* gew *locked* u kien qisu ghaddej minn fuq is-sapun. Il-karrozza li kien qieghed isuq kellha l-ABS. Huwa kien qieghed isuq b'xi 40.

Il-konvenut xehed li ghalkemm jaqbel ma' l-iskizz, madankollu hemm bini li huwa fuq ix-xellug ta' fejn hemm indikat "Rovic Ironmongery" li kwazi jasal bi dritt l-i*strip* tal-*lay-by* indikat fl-iskizz. Huwa waqaf bi dritt dan il-bini sabiex jaccerta ruhu li ma kinux gejjin vetturi. Kif hareg

biex jaqsam Vjal ir-Rihan, ra dawl kbir gej min-naha opposta u sehh l-incident. Meta hareg kien ghaddej bi speed baxx hafna ta' xi 10 k.f.s Sakemm gew il-pulizija bdiet traxxax ix-xita. In kontroezami qal li  ma jiftakarx kif gie minn Triq Caruana Dingli ghall-pozizzjoni li spicca kif indikat fl-iskizz. Qal li fi Vjal ir-Rihan dam ftit tal-hin, kemm ivverifika li ma kien gej hadd u hareg. Il-vettura l-ohra ma rahiex peress li kienet misjuqa bi *speed* enormi. Qal ukoll li minn fejn qabad Vjal ir-Riham lejn id-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-vettura l-ohra hemm tul ta' cirka nofs il-blokk tal-Qorti. It-triq fiha liwja u l-vettura l-ohra ma rahiex iddur. Mistoqsi ghaliex ma baqax hiereg dritt ghal fuq il-karreggata opposta wiegeb li ma jiftakarx.

Il-konvenut qieghed isostni li l-incident sehh unikament tort tal-velocita` kbira li biha kien ghaddej is-sewwieq tal-karrozza ta' l-attur nomine.

Fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Anna Stanley vs Alan Zahra** deciza fit-23 ta' Marzu 1993 (Vol. LXXVII.iii.93), din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*"Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita` eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta ppruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main  road user u sija jekk ma jkunx, ghal proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi, tali velocita` eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabbilita` ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita` eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima ta' l-akkadut"*.

Ara wkoll **Mehmet Kasap vs Edgar Ellul** deciza wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 1993 u **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs Carmen Grima** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.ii.1037).

Hu car li fil-kaz in ezami dak li pprovoka l-incident ma kienx is-sewqan b'velocita` ta' Raymond Avallone izda l-hrug inkonsult tal-konvenut. Jekk il-konvenut verament waqaf biex jesplora sew it-triq, kif seta' ma jarax il-karrozza l-ohra gejja? Huwa jghid li hemm liwja fit-triq. Izda possibbli ma rax id-dwal qabel ma fil-fatt iddecieda li johrog? U jekk ried jaqbad Vjal ir-Rihan biex imur fid-direzzjoni tan-Naxxar, ghaliex, minflok qasam dritt ghall-karreggata tieghu u fl-iqsar zmien possibbli, gibed lejn il-karreggata li fiha kienet gejja l-karrozza l-ohra bi speed, skond hu, ta' madwar 10 k.f.s.? Il-konvenut kien obbligat li jesplora sew it-triq qabel ma johrog, u johrog biss meta jkun cert li mhuwiex se jkun ta' tfixkil ghal xi traffiku iehor li seta' kien hemm fit-triq. M'hemm l-ebda dubju li l-konvenut kellu vizwali tajba u fit-tul fid-direzzjoni mnejn kienet gejja l-Lancia. Jekk ma rahiex jista' biss jinkolpa lilu nnifsu u jekk raha jfisser li ma ggudikax tajjeb il-velocita` taghha. Inoltre zbalja meta ma qasamx mill-ewwel ghall-karreggata li ried jiehu. In-nuqqas ta' *proper look-out* da parti tal-konvenut tirizulta wkoll mill-fatt li ma jirrizulta li pprova jiehu l-ebda azzjoni evaziva. Mill-banda l-ohra Raymond Avallone agixxa minnufih biex jipprova jevita l-kollizjoni izda minhabba li kienet bdiet traxxax u minhabba s-sistema ta' ABS fil-Lancia, il-brejkijiet illokkjaw u baqa' jiskiddja f'linja dritta ghal gol-karrozza li kienet qed tinsaq mill-konvenut fil-karreggata tieghu. Ma jirrizultax ghalhekk li Avallone kien xi *main road abuser* li kien qed isuq b'xi mod irresponsabbli u non kuranti tat-traffiku l-iehor fit-triq. Ghalhekk hija tal-fehma li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u gha-danni rizultanti.

Is-somma pretiza skond ic-citazzjoni hija ta' Lm1,998. Mid-dokumenti esibiti a fol. 10 sa 15 jirrizulta li f'*parts* intefqet is-somma ta' Lm1,368.72 (u mhux Lm1,399.91 kif indikat fl-iskeda a fol. 9 u dik a fol. 18). Fit-tieni affidavit tieghu (a fol. 54 u 55) Raymond Avallone jaghmel riferenza ghal xi *parts* li nxtraw u li ma gewx inkluzi fil-lista ta' *spare parts*. Effettivament dawk il-*parts* indikati fl-affidavit ma gewx indikati fis-*survey report*. Fil-fehma tal-Qorti m'hemm l-ebda raguni biex dawn ma jigux akkolti peress li huwa ben maghruf li meta jsir *survey* ta' karrozza

qabel ma tissewwa, tista' tirrizulta l-htiega tal-bdil ta' xi *parts* waqt li jkun qieghed isir ix-xoghol fuq il-vettura. Kien ikun aktar ghaqli li kieku t-tellar informa b'dan lis-*surveyor*, izda fi kwalunkwe kaz ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni ta' dak li qal Raymond Avallone fl-affidavit imsemmi. Billi dawn il-*parts* jinsabu elenkati diga` fid-Dok. D a fol. 14 u 15, it-total li qieghed jigi akkordat ghall-*parts* huwa dak diga` msemmi ta' **Lm1,368.72**

Dwar kiri ta' karrozza ma gietipprezentata l-ebda rcevuta. Inoltre la Raymond Avallone u lanqas Anthony Critien ma jghidu li nkriet karrozza. Ghalhekk il-pretensjoni ghas-somma ta' Lm40 mhijiex qed tigi milqugha.

Dwar is-somma ta' **Lm25** ghal *towing* u s-somma ta' **Lm3** ghar-rapport tal-Pulizija, gew esebiti kopji ta' l-ircevuti relattivi a fol. 17 u 19 u ghalhekk qed jigu akkolti. Hekk ukoll ghas-somma ta' **Lm110** ghal *spray work* bid-dokument a fol. 16.

Ghal *labour* is-*survey report* jindika s-somma ta' Lm120 u ghal *rust proofing* is-somma ta' Lm15. Fit-tieni affidavit tieghu Raymond Avallone jghid li l-ispiza fil-fatt kienet ta' **Lm240** ghat-tellar u **Lm30** ghar-*rust proofing*. Inoltre ghax-xoghol konness mas-sistema ta' l-*airconditioning* u ghal *windscreen bonding* qed jigu pretizi rispettivament is-somom ta' **Lm25** u **Lm35**. Dwar dan kollu ma saret l-ebda kontestazzjoni ulterjuri u x-xiehda ta' Raymond Avallone fir-rigward ma gietx kontradetta. Ghaldaqstant dawn is-somom qed jigu wkoll akkordati.

Konsegwentement id-danni qed jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' **Lm1,836.72**.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni li grat fil-5 ta' Jannar 1994 fuq imsemmija u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur nomine,
(2) tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' Lm1,836.72, u

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine din is-somma ta’ Lm1,836.72.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data ta’ l-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**